MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2006

Numru 101/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Bonello)**

**vs**

**Anthony Magro**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Anthony Magro ta' 52 sena bin Fidiel u Loreta nee' Gauci mwieled B'Kara fil-15/11/53 u joqghod 25, Triq id-Duluri, Hamrun li ghandu karta tal-identita numru 834153(M) gie akkuzat talli:

Fit-30 ta' Dicembru 2005 ghall-habta tal-11.45 A.M. waqt li kien il-Hamrun ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' Carmel Muscat persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kienet qieghda tagixxi

ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ordni moghtija skond il-ligi minn awtorita kompetenti;

aktar talli fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra l-imsemmi Carmel Muscat persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienet tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti;

aktar talli fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi ikkaguna griehi ta' natura hafifa lill-imsemmi Carmel Muscat skond kif iccertifikat Dr. Victoria Ciantar M.D.;

u aktar talli fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied.

Il-Qorti giet mitluba li minbarra li tapplika il-piena skond il-ligi biex tipprovdi ghas-sigurta ta' l-imsemmi Carmel Muscat torbot lill-imsemmi Anthony Magro b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali li l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok MB3 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat fl-ezami tieghu wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat seduta stante skuza ruhu mal-parte civile Carmel Muscat.

Innutat ukoll li fl-istess Seduta tallum il-parte civile Carmel Muscat iddikjara li hu qed jaccetta il-fatt li l-imputat skuza ruhu mieghu.

Inoltre innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 95, 96, 221 u 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Anthony Magro, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, li fis-Seduta tallum l-imputat seduta stante skuza ruhu mal-parte civile Carmel Muscat, li ukoll fl-istess Seduta tallum il-parte civile Carmel Muscat iddikjara li hu qed jaccetta il-fatt li l-imputat skuza ruhu mieghu u li inoltre fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Anthony Magro ghall-piena komplessiva ta' tmintax (18) il-xahar prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' tlett (3) snin millum l-imputat Anthony Magro jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inoltre il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-imputat Anthony Magro b'obbligazzjoni personali ta'  Lm100 li jzomm il-kwiet ma' Carmel Muscat ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Anthony Magro l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------